***Għal persuni li jinsabu fiż-ŻEE:*** Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ("**GDPR**") tal-UE ilu fis-seħħ mill-25 ta' Mejju 2018. Il-GDPR jemenda u jaġġorna d-drittijiet li għandek fir-rigward tad-*data* personali tiegħek, u x'inhuma meħtieġa jagħmlu kumpanniji li jipproċessaw id-*data* personali tiegħek. Aħna meħtieġa li nagħtuk din l-informazzjoni li ġejja li għandha tkun informazzjoni addizzjonali ma' dik li inti diġà rċevejt: Dan l-avviż supplementari jieħu post kull informazzjoni li inti diġà rċevejt minn għandna.

## AKTAR DRITTIJIET

Il-GDPR jintroduċi drittijiet ġodda u aktar wesgħin fir-rigward tad-*data* personali tiegħek aktar minn dawk enfasizzati aktar qabel. Dawn huma:

- Id-dritt li tikkoreġi, jew tħassar kull *data* personali żbaljata jew mhux kompluta li Abbott għandha fuqek;
- Id-dritt li jkollok aċċess għall-informazzjoni personali li Abbott għandha fuqek;
- Id-dritt, f'ċertu każijiet, li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek għal raġunijiet leġittimi;
- Id-dritt li ma tkunx assoġġettat għal deċiżjonijiet awtomatizzati maħsuba biex jevalwaw ċertu aspetti personali li jkollhom x'jaqsmu miegħek, bħalma hija l-analitika bbażata fuq il-kondotta. Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima dwar il-*cookies* tal-avviż ta' privatezza għal aktar informazzjoni dwar kif tista' teżerċita dan id-dritt meta tiġi infurmat li jkunu qegħdin jintużaw il-*cookies*;
- Meta tkun tajtna id-*data* personali tiegħek bil-kunsens tiegħek jew bħala parti minn xi kuntratt, id-dritt għall-portabilità ta' dawk id-*data* personali lil xi persuna oħra jew, jekk ikun teknikament possibbli għalina li nistgħu nagħmlu dan, lil xi kumpannija oħra;
- Id-dritt li nippreżentaw ilment mal-awtorità superviżorja ta' protezzjoni tad-*data* nazzjonali tiegħek jew li nirċievu kumpens għal kull dannu li inti tbati; u
- Id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek li tkun tajt lil Abbott biex tipproċessa d-*data* personali tiegħek bla ebda ħsara għalik, meta inti tkun tajt il-kunsens tiegħek lil Abbott biex tipproċessa d-*data* personali tiegħek.

## AKTAR INFORMAZZJONI LI GĦANDEK TKUN TAF

- **Trasferimenti Internazzjonali** - Aħna nittrasferixxu *data* personali tiegħek barra miż-Żona Ekonomika Ewropea ("**ŻEE**") lejn pajjiżi terzi li ma joffrux l-istess livell ta' protezzjoni daqs dak meħtieġ miż-ŻEE. Sabiex jiġu salvagwardati d-*data* personali tiegħek aħna nagħmlu biss trasferimenti bħal dawk fuq il-bażi ta' (i) Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tkun tippermetti dan, jew (ii) kif soġġett għall-Klawsoli Kuntrattwali Standard approvati mill-UE. Jekk jogħġbok innota li Abbott għandha diversi patti dwar it-trasferiment ta' *data* ibbażati fuq il-Klawsoli Kuntrattwali Standard tal-UE għat-trasferiment tad-*data* personali tiegħek miż-ŻEE lejn pajjiżi terzi, inkluż l-Istati Uniti. Biex ikollok aċċess għal, jew tirċievi kopja tal-Klawsoli Kuntrattwali Standard tal-UE li aħna nużaw biex nesportaw id-*data* personali tiegħek miż-ŻEE, jekk jogħġbok ikkuntattja l-UPD tal-UE tagħna (ara d-dettalji hawn taħt).

- **Ħażna** - Id-*data* personali tiegħek se tinħażen għal sakemm dan ikun meħtieġ biex jingħatalek (i) is-servizz jew prodott ta' Abbott li inti tkun tlabt; u/jew (ii) aċċess għal siti elettroniċi u servizzi tagħna. Alternattivament, id-*data* personali tiegħek se tinħażen wkoll għal sakemm neħtieġuha biex inkunu nistgħu nirrispondu għall-mistoqsijiet u t-tħassib tiegħek jew hekk kif jista' jenħtieġ minn xi rekwiżit legali, inklużi dawk dwar is-sigurtà tal-prodott jew tat-tagħmir mediku. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lill-assistenza lill-klijenti tiegħek lokali jew l-Uffiċċju tal-UPD tal-UE billi tuża d-dettalji li jinsabu indikati hawn taħt.

- **Għaliex neħtieġu d-*data* tiegħek** - L-għoti ta' *data* personali lil Abbott huwa meħtieġ sabiex jiġu implimentati l-patti tal-kuntratt li għandek ma' Abbott, li tiġi provdut b'xi prodott jew servizz li inti tlabt, sabiex jitħarsu l-liġijiet lokali, bħalma huma dawk li jkollhom x'jaqsmu mas-sigurtà tal-prodott jew tat-tagħmir mediku. Kull nuqqas li jiġu provduti *data* personali bħal dawk ikun ifisser li Abbott ma tkunx tista' tagħtik il-prodott jew is-servizz li inti tlabt.



EME_ACTIVE-571726114.1

Abbott

- **Assistenza lill-Klijenti, mistoqsijiet u kwistjonijiet:** jekk jogħġbok segwi l-metodi normali rakkomandati ta' Abbott.

- **Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*:** Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek jekk jogħġbok ikkuntattja lill-UPD tal-UE tagħna fis-sit http://www.eu-dpo.abbott.com/.